**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**ILLUM 7 ta' Mejju 2025**

**Rikors Ġuramentat Numru: 990/2024 AF**

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Claude Cassar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta plc li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ skritturi privati datati 9 ta' Novembru 2016 u 23 ta' Settembru 2014 (Dok. A u Dok B) is-soċjeta` attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Claude Cassar.

2. Is-soċjeta` attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Claude Cassar fis-somma ta' tletin elf, seba' mija u disgħa u ħamsin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€30,759.28) bilanċ għad-debitu fil-'*Business Loan Account*' u '*Credit Card Loan Account*' ta' Claude Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok C1 sa C3 u Dok D) flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta' Awwissu 2024 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument A u B), partikolarment imma mhux esklussivament billi Claude Cassar:

> (a) Naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Claude Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita` tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta` attriċi.

4. L-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Claude Cassar ġie nterpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 6 ta' Ġunju 2023, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u mmarkata Dok E sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għalies m'għandiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Claude Cassar (a) naqas milli iħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assuni fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Claude Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilta` tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta` attriċi u

2. Tikkundanna lil Claude Cassar iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tletin elf, seba' mija u disgħa u ħamsin Euro u tmiena u għoxrin ċenteżmu (€30,759.28) bilanċ għad-debitu fil-*Business Loan Account* u *Credit Card Loan Account* ta' Claude Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok C1 sa C3 u Dok D) flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-17 ta; Awwissu 2024 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriża dawk tal-ittra uffiċċjali datata 6 ta' Ġunju 2023 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi Claude Cassar, minkejja li saret lilu d-debita notifika u deher fil-Qorti, ma ppreżenta ebda nota tal-eċċezzjonijiet.

Rat iż-żewġ noti ta' riduzjoni mressqa mill-Bank rikorrenti li permezz tagħhom il-pretensjoni ġiet imnaqqsa għal €28,768.79 bl-imgħax legali mill-31 ta' Jannar 2025.

Rat in-nota ta' Claude Cassar li permezz tagħha huwa ammetta t-talba kif dedotta u ridotta.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Claude Cassar iħallas lil Bank of Valletta plc is-somma ta' tmienja u għoxrin elf, seba' mija u tmienja u sittin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€28,768.79) bl-imgħax legali mill-31 ta' Jannar 2025 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż kollha kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn Claude Cassar.

IMĦALLEF

Deputat Reġistratur